**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Avviż numru 155/2016 CFF**

**Vincent Cumbo**

**vs**

**Żejtun Corinthians Football Club**

**Illum 3 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promutur ta' Vincent Cumbo (KI 98141M) fejn espona:

U tghid ghaliex ma' gahndekx tkun kkundannati thallas, prevja kull dikjarazzjoni u provvediment illi din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuna, is-somma kumplessiva ta' hamest elef u mitejn Ewro (5,200 ewro), rapprezentanti bilanc ta' hlas minnek dovut ghall-ammont misluf lill-klabb mir-rikorrenti ghall-istagun 2012/13, kif ikkonfermat bil-ftehim data 1 ta' Jannar 2015 li qed jigi hawen anness u mmarkat bhala dok VC2, liema bilanc sa llum ghadu mhux imhallas minkejja into gejtu interpellati diversi drabi biex taghmlu dan il-hlas, bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez kollha tal-prezenti u l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi

prezenat kontestwalment ma' dan ir-rikors. Kollox kontra taghkom, lim minn issa qed tigu ngunti ghas-subizzjoni.

Il-Qorti tinnota li daħlet risposta tal-konvenuti Zejtun Corinthians Football Club datata 20 ta' Settembru 2016 li tinsab a fol 11 tal-proċess, fejn espona:

1. Prelimarjament l-illegittimita tal-esponenti intimat stante li r-rappreżentanza tal-klabb tal-football qiegħda f'idejn il-kumitat tal-klabb jew f'idejn dawn li jġorru r-rappreżentanza ġudizzjarja tiegħu.

2. Mingħajr preġudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-ammont reklamat ma huwiex dovut stante illi ma huwiex minnu li dan l-istess ammont kien ġie misluf mir-rikorrenti lill-klabb intimat u għal dan il-ghan il-klabb konvenut sejjer jieħu passi sabiex il-ftehim li ghab-bazi tiegħu qiegħed jiġi mitlub il-ħlas tal-ammont reklamat jiġi dikjarat null u mingħajr effett.

3. Salv eċċezzjonijiet oħra

Rat ix-xhieda tal-attur Vincent Cumbo, Melvyn Darmanin, Albert Cumbo, Nutar Reuben Debono, Malcolm Darmanin, Shalom Mercieca li xehed permezz ta' affidavit kif ukoll Vincent Cumbo li xehed permezz ta' affidavit, Joseph Gauci

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esibiti u cioè dok VC1 sa VC4, dok MD1, dok JG1 sa dok JG10, dok MD1[1] esebiet minn Melvin Darmanin.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet

**Ikkunsidrat:**

**Vincent Cumbo** qal li huwa membru tal-każin tal-futbol taz-Zejtun Corinthians fejn kien jgħinhom halli jinġabru flus għal klabb. Huwa spjega li kien ukoll jgħinhom finanzjament. Huwa spjega li minħabba li kellhom plejers barranin, il-klabb kien jaghtih cekkijiet u jagħtihom il-flus tagħhom. Kien ukoll sellef lil klabb is-somma ta' tlett elef Euro. Illi kien inghata ċekkijiet iżda huwa qatt ma kien sarrafhom. Huwa kompla li kien anki tahom elfejn u mitejn Euro apparti dan l-ammont. Minħabba li ma kienx tħallas kien kellem lil klabb sabiex jithallas lura tal-flus u għalhekk kienet saret skrittura għal dan l-iskop. L-ewwel waħda kienet saret fl-1 ta' Jannar 2015. Gara li ftit taż-żmien wara kien inbidel il-kumitat u saret skrittura oħra. Għalkemm kien hemm ftehim li jithallas xorta baqa' ma ha xejn.

[1] Dawn ghandhom l-istess referenza imma differenti

**Albert Cumbo** xehed u qal li jigi iben l-attur fejn kien kellem lil missieru sabiex jgħin lil plejers tal-klabb sabiex jinħargu l-flus għal pagi tagħhom. Illi kien kelmu Melvin sabiex ikellem lil missieru għal dan l-iskop. Il-kaxxier kien jagħtih iċ-ċekkijiet u jiffirma fuq wara halli jagħtihom il-flus missieru. Huwa kkonferma li missieru qatt ma kien tħallas tagħhom.

**Nutar Ruben Debono** qal li huwa kien president tal-klabb tal-futbol taz-Zejtun Corinthians. Meta ġie elett President kien ġie infurmat fuq id-dejn li kien hemm tal-klabb u għalhekk kien għamel skrittura ma' Vincent Cumbo sabiex ikun jista' jithallas dan l-ammont. Huwa kien ikkonferma l-iskrittura (a fol 2) tal-proċess li kien għamel. Meta ġie mistoqsi in kontro-eżami qal li d-dejn li kien dovut deher fir-rapport finanzjarju iżda ma setax jikkonferma li kien jidher speċifikament li huwa dovut għal Vincent Cumbo. Illi jgħid li r-rendikonti finanzjarji bdew anki jintbagħatu lill-MFA iżda ma qal xejn jekk kienx bagħat dan ir-rendikont.

**Malcolm Darmanin** qal li dak iż-żmien kien il-kaxxier tal-klabb fl-istaġuni 13-14 u 14-15. Huwa kkonferma li Vincent Cumbo kien jgħin ħafna lil klabb fejn f'żewġ istanzi kien sellef xi flus f'ammont ta' 3000 Euro u 2200 Euro. Huwa kkonferma dan kollu iżda mhux it-tielet skrittura ma kienx involut u sakemm kien hemm hu l-ammont qatt ma kien tħallas. Huwa kkonferma li meta nbidlu r-regoli mill-MFA, bħala kaxxier kien ta biss current liabilities u għalhekk ma jkunx hemm breakdown tagħhom. Huwa esebixxa l-ahhar rendikont li huwa kien għamel u fejn hemm 5220 huwa x-short term loan (ara dok MD1) fejn ikkonferma li l-ammont ta' 5220 Euro huma l-flus dovuti lil Vincent Cumbo.

**Shalom Mercieca** permezz ta' affidavit qal li fil-perijodu tas-snin 2013 sa 2015 kien jokkupa l-kariga ta' segretarju fi ħdan il-kumitat taz-Zejtun Corinthinas u għalhekk kien jagħmel ix-xogħol amministrattiv tal-klabb. Huwa kkonferma li Vincent Cumbo kien jgħin il-klabb billi anki ħareġ flus għalihom fejn b'kollox kien ħallashom is-somma ta' 5,200 ewro. Huwa kkonferma li kienet saret skrittura sabiex Vincent Cumbo jithallas dak li kien dovut iżda kien jaf li sakemm kien għadu jokkupa din il-kariga Vincent Cumbo qatt ma tħallas.

**Vincent Cumbo** permezz ta' affidavit qal li huwa ma kienx fil-kumitat u hu kien jgħinhom b'ħafna modi. Huwa kien ħareġ xi flus għal klabb sabiex jitħallsu xi plejers fejn darba kien sellef is-somma ta' 2,200 ewro u darba oħra s-somma ta' 3,000 ewro. Kien sar ftehim bil-miktub sabiex huwa kien jista' jithallas iżda gara li huwa qatt ma kien tħallas ta' dan l-ammont.

**Joseph Gauci** fejn huwa esebixxa diversi dokumenti fejn qal li l-iskrittura li kienet saret fejn l-ammonti kienu qeghdin jagħmlu referenza ghas-sena 2012 u 2013. Kompla jgħid li l-kumitat ta' qabel kienu irriżenjaw kollha f'daqqa u

bdew jiffirmaw skritturi li għandhom jagħtu l-flus. Gara li huwa għamel kuntatt mat-tifel tal-attur biex jibgħat l-accounts. Illi mid-dokument li kien mibgħut ma kien hemm xejn jidher li hemm xi somma ta' 3,000 ewro dovuta. Mill-accounts tat-2013 u 2014 li huwa ġab mill-MFA lanqas ma kienu jidhru dawn it-3,000 ewro. Ma dawn id-dokumenti huwa esebixxa wkoll il-minuti tal-klabb fejn ma kienx hemm imniżżel li hemm xi flus dovuti lill-attur. Illi huwa kompla jagħti spjegazzjoni li mid-dokumenti li huwa esebixxa tas-sena 2015 ħareġ li ma kienx hemm pagi dovuti. Illi fid-dokumenti li huwa esebixxa ma kien hemm xejn jidher li hemm xi flus li huma dovuti lill-attur. Kompla jgħid li kemm l-attur u t-tifel tiegħu f'laqgħa minnhom kienu responsabbli għal ġbir tad-donations. Mid-dokumenti li huwa esebixxa ma sab xejn li kien hemm xi flus dovuti lill-attur. Huwa kkonferma li kien laħaq bħala president tal-klabb wara n-Nutar Reuben Debono. Meta huwa kien kellem lill-attur fuq dawn il-flus, huwa kien qallu li bihom kien ħallas plejer barrani iżda qatt ma kien ġie verifikat minn kien dan il-plejer

Meta reġa' xehed Joseph Gauci spjega li l-attur kien kelmu fuq l-ammont iżda qatt ma kien irrikonoxxa li dan l-ammont huwa dovut sakemm ma jgħidx lil min ħallas għal plejer. Illi skont hu dan l-ammont qatt ma seta' kienu l-ħlas tal-plejers tas-sena 2012/13 u dan għaliex dan l-ammont li huwa mitlub mill-attur ħareġ fis-sena 2014. Illi dan l-ammont qatt ma kienu deheru fis-snin ta' qabel fil-kontijiet. Illi meta ġie muri lilhu d-dokument JG4 huwa spjega li l-ammont fejn tidher is-somma ta' 87,583 ewro huma ħlas li jrid jingħata lil ħaddieħor. Illi x'inhuma dawn il-ħlas ma kellux. Meta sar l-awditur huwa ma sabx dawn id-dokumenti sabiex jagħti spjegazzjoni x'inhuma għal dak l-ammont. Huwa kkonferma li fil-minuti tal-laqgħat ma kienx jitniżżel kollox. Huwa spjega li għalkemm fil-minuti hemm imniżżel li l-attur jiġbor id-donations, huwa ma jistax jgħid li dawn il-flus kienux d-donations jew xi self. Huwa kompla jgħid li l-financial summaries ma kienux jaqblu ma' dawk li ġew mgħoddija l-MFA. Huwa kien esebixxa kopja li ġiet mgħotija lilhu mit-tifel tal-attur. Illi huwa nnega li b'xi mod kien mess xi parti mid-dokument tal-financial summaries. Huwa żied jgħid li il-financial summaries ma kienux tajbin għax dak uffiċjali huwa dak li hemm tal-MFA.

**Shalom Mercieca** ikkonferma li huwa kien segretarju tal-klabb bejn is-sena 2013 u 2015 però huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-finanzi tal-klabb. Huwa kkonferma li matul il-lagħqa kien jittieħdu l-minuti u magħhom kien jiġi mehmuż ir-rapport finanzjarju. Huwa kkonferma li a fol 2 l-ittra kienet inkitbet fis-sena 2015 u dan għal ħlas li kien sar fis-sena 2013. Illi dak iż-żmien dawn il-flus ma kienux issemmew iżda biss ħarġu fil-laqgħa annwali iżda ma kienux issemmew xi ismijiet min kellu jieħu bħala flus. Huwa kkonferma li kien jaf li dawn il-flus kienu dovuti għal ħlas ta' plejers barranin u fosthom kien hemm xi plejers li huwa semma b'isimhom fosthom Gers u

tnejn oħra li m'għadhomx mal-klabb. Il-fatt li kien għadda z-żmien ta meta saret l-ittra għax skont hu, it-tifel tal-attur kien jgħidilhom biex l-ewwel iħallsu l-plejers u wara ta' missieru.

**Nutar Reuben Debono** huwa kkonferma li l-ittra li kien iffirma kien ta' dejn li kien hemm fis-sena 2012 u 2013 u dan qabel ma kien sar president tal-klabb. Huwa żied jgħid li meta kien sar president tal-klabb fis-sena 2014 kien ra li kien hemm dan id-dejn mniżżel u strah fuq dak li kien qallu t-teżorier izda qatt ma kien eżamina il-minuti ta' dawn il-laqgħat. Huwa meta iffirma għax kulħadd kien qallu li kien hemm dan id-dejn dovut lill-attur u kien għalhekk li huwa ffirma.

**Albert Cumbo** qal li fis-snin 2014/15 kien team manager tal-klabb. Huwa kkonferma li missieru kien sellef flus għal pagi ta' barranin fejn huwa fix-xhieda tiegħu semma li kienu ħamsa. Gara li kellhom idahhlu xi sponsors u hu kien kellem lill-kaxxier li missieru kien se jagħti l-flus. Missieru kien iżomm ic-cheque li kien jinħareġ u meta kienu jgħidulu li kien hemm il-flus kien imur isarraf. Minħabba li huwa kien fil-kumitat kien jgħid lil missieru biex jistenna ftit għax kien hemm xi dejn ieħor li ried jithallas. Kien għalhekk li saret il-karta li dawn il-flus kienu ta' missieru. Huwa kkonferma li kien għadda dokument lil Joseph Gauci li kienu l-accounts magħmula minn Melvin Darmanin. Huwa qal li dan id-dejn kien dejjem deher fl-accounts preċedenti.

**Melvin Darmanin** qal li huwa jaħdem bħala Financial Advisory u kien fil-klabb bħala kaxxier. Huwa kien iżomm l-accounts tal-klabb u jipprepara r-rapport finanzjarju. Kien hemm metodu ta' kif jinżammu l-kontijiet u huwa kkonferma li fl-ahhar laqgħa ir-rapport finanzjarju kien qiegħed jagħmel parti mill-minuti tal-laqgħa. Huwa kkonferma li Vincent Cumbo kien ħareġ il-flus sabiex jitħallsu l-pagi fiż-żmien u dan kollu kien ġie diskuss fil-laqgħat. Dawn il-flus kien tniżżlu bħala short term loan. Huwa kkonferma li z-żewġ rapporti li huwa kien għamel u cioè dak li kien ġie mgħoddi l-MFA u tal-financial summary. Huwa kkonferma li dawn il-flus kienu tħallsu għal plejers barranin iżda ma kienx jaf jekk fil-fatt fl-accounts tat-2012 u 2013 ma kienx hemm imniżżel dan l-ammont. Huwa kien qal li ma kienx ikun hemm problemi tal-ħlas tal-pagi għal plejers Maltin. Huwa esebixxa document MD1 (minuti tal-laqgħa tat-23 ta' Diċembru 2013).

## Ikkunsidrat

Il-fatti ta' dan il-każ beda meta l-klabb taz-Zejtun Corinthians kellu problemi sabiex iħallas il-pagi tal-plejers barranin. Gara li kien sar ftehim mal-attur sabiex jissellfu minn għandu s-somma ta' 5200 ewro sabiex jitħallsu dawn il-pagi. Illi minħabba li ma kienx hemm xejn bil-miktub meta saru dawn il-pagamenti, xi żmien wara saret skrittura privata bejn il-klabb u l-attur. Illi

kien ġie aċċettat skont din l-iskrittura li l-attur kien dovut din is-somma. Illi minn naħa tal-konvenut, Joseph Gauci li xehed bħala President tal-klabb qal li ma kellu ebda prova li juri li dawn il-flus kien tahom Vincent Cumbo sabiex jitħallsu l-pagi ta' dawn il-plejers barranin. Tant hu hekk li skont hu kemm mill-financial summaries u anki mill-istess financial audit li gie mgħoddi lill-MFA ma kien jidher imkien li kien hemm xi flus dovuti lil Vincent Cumbo.

## Provi

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi fuq il-mertu tal-każ, sejra tagħmel referenza għal dak li jgħid l-Artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-partijiet għandhom iressqu l-aħjar prova. Illi għalhekk huwa mistenni li kull parti tressaq dik il-prova neċessarja sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi fuq il-każ u fin-nuqqas ta' impossibilita' li jkun hemm dik il-prova, il-Qorti tista' tħares lejn provi sekondarji. Illi għalhekk huwa neċessarju li tinġieb l-aħjar prova sabiex jiġu stabbiliti l-fatti. Illi l-Qorti tagħmel referenza għal każ deċiż fl-ismijiet **Martina Farrugia et. v. Carmel Farrugia** (Rik. 27/14/1, 26/05/2017), fejn il-Qorti qalet hekk:

> "*illi l-Ewwel Qorti injorat kompletament in-norma legali li għandha tinġieb l-aħjar prova, in kwantu kellu jirriżultalha li l-atturi naqsu milli jressqu l-aħjar prova illi huma kienu verament qeghdin jattendu kors universitarju full time.*" Skond l-intimat, "*l-atturi setgħu ressqu rappreżentant tal-Università ta' Malta sabiex jikkonferma li l-aħwa Farrugia kienu għadhom isegwu kors universitarju qabel ma għalqu t-tlieta u għoxrin sena... Kienu l-atturi li kellhom l-oneru tal-prova tal-fatt sostnut minnhom, u huma ma tellgħu ebda prova oħra sabiex jikkoroboraw id-dokumenti preżentati minnhom.*" Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ċaħdet dan l-aggravju u qalet hekk:
>
> "*Il-Qorti tirrileva illi għalkemm ebda wieħed mid-dokumenti ma huwa ġuramentat, jibqa' l-fatt li hemm ix-xhieda mhux kontradetta tal-atturi aħwa Farrugia illi fiha bil-ġurament tagħhom jikkonfermaw illi huma baqgħu studenti full time wara li għalqu t-18-il sena u indikaw adirittura l-ammont li jippercepixxu fi stipendju ta' kull xahar. Id-dokumenti minnhom ippreżentati jikkonfortaw din ix-xhieda, u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kellha provi suffiċjenti sabiex fuq bażi ta' probabbilita` u verosimiljanza tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u din il-Qorti ma tikkonsidrax li jeżistu c-ċirkostanzi stabbiliti fil-ġurisprudenza sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill- ewwel Qorti fir-rigward...*

Illi wkoll fil-każ **Simone Eve Collette Sammut et. v. Adam Sammut et.** (Rik. 1047/2014/1, 17/03/2021) fejn l-appellanti ikkontestaw numru ta' dokumenti li kienu ġew esebieti:

> *"l-prinċipju ewlieni li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, jiġifieri onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu. Inoltre l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawża. ..."*

Illi f'dan il-każ Vincent Cumbo esebixxa skrittura privata fejn qiegħed jingħad li dan b'mod ċar li Vincent Cumbo kien sellef is-somma ta' 5,200 ewro lill-klabb. Fil-fatt skont id-dokument VC2 a fol 3 jagħmel referenza għal skrittura oħra li kienet saret sabiex jithallas dan id-dejn fil-perijodu indikat u cioè sal-ahhar tas-sena. Illi però skont din l-iskrittura li ggieb id-data tat-28 ta' Diċembru 2015, l-ammont kien għadu ma tħallasx u għalhekk kienet saret. Illi ma' dan id-dokument ġew esebieti wkoll financial summaries li juru li dan l-ammont ta' 5,200 ewro kienu ġew imniżżla bħala short-term loan. Illi sabiex juri li fil-fatt l-attur kien għadda s-somma ta' 3,000 ewro esebixxa wkoll kont bankarju li juri b'mod ċar li kienet saret trasferiment ta' flus fil-kont tal-istess klabb u cioè tal-konvenut. Illi minn naħa tal-klabb li xehed għaliha Joseph Gauci qal li ma kienx hemm ebda informazzjoni fuq dawn l-ammonti li qiegħed jingħad li huma dovuti.

Illi fil-fatt kien qiegħed jingħad li dan il-ftehim hija simulazzjoni sabiex jinħargu flus li ma kienux dovuti. Illi l-istess Joseph Gauci wkoll esebixxa diversi dokumenti fosthom financial summary li ġie mgħoddi lilu mill-istess iben l-attur. Illi pero din il-Qorti ma tistax ma tinnotax li hemm diversi informazzjoni nieqsa minn dak li ġie esebieti bħala prova mill-istess attur. Illi din id-diskrepenza kemm fil-paġni u cioè jekk wieħed iħares fil-kontenut f'dak li hemm fid-dokument immarkat bħala dok MD 1 (a fol 81) u dak li ġie esebiet mill-istess Joseph Gauci li jinsab a fol 110 (dok JG3) mill-ewwel jinduna li hemm paġni nieqsa. Illi mill-fatti joħroġ biċ-ċar kemm mill-istess diversi dokumenti li ġew esebieti kif ukoll konfermat minn diversi xhieda oħra li kienu involuti, semmew li dan l-ammont huwa dovut u kien inghata mill-istess Vincent Cumbo sabiex jgħin il-klabb.

Illi din il-Qorti sejra taghmel referenza wkoll ghal dak li gie miktub fl-istess skrittura privata fejn f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tad-9 ta' Ottubru, 2003 (Citazzjoni Numru.1348/2000/TM) fil-

kawza fl-ismijiet '**Malta International Airport p.l.c. vs Chev. Joseph M. Scicluna et noe'** fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *Il-principju pacta sunt servanda huwa wiehed applikat rigorosament mill-Qrati taghna, u jekk ma tirrizultax xi cirkustanza li, skond il-ligi, tista' twassal ghat-thassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miz-zewg nahat.*

Huwa principju ta' dritt li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim ghandu johrog mill-istess kitba tal-ftehim. Hu prezunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun gie mnizzel fil-kitba, u dak li jkun diskuss izda ma jirrizultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li gie rinunzjat (ara **Clive Simpson vs John Saliba nomine et,** PA 22/06/2004 u **Frendo vs Caruana**, App Civ 28/01/1999). Fejn il-kitba hi cara, dak li kien miftiehem ghandu johrog mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'mohhom il-partijiet (ara **Brincat vs Saliba**, App Civ 14/11/1983). Il-kunsens, veru li ghandu jkun espressjoni tal-volonta' ta' dak li ta l-kunsens, pero', meta l-kunsens jinghata forma solenni ta' att pubbliku, hu prezunt li l-manifestazzjoni tal-kunsens tirrifletti l-volonta' interna tal-kuntraent.

Illi il-Qorti wkoll taghmel referenza wkoll fis-sentenza **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2000)

> *"ghalhekk hawn japplika l-principju stabilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 12**, fejn meta il-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita min xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha **("Carmela Borg vs Bartolomeo Xeureb"** - A. C. 30 ta' Marzu 1997)".*

*Kif ukoll fis-sentenza **Joseph Grech Sant nomine vs Avukat Dr. Riccardo Farrugia et nomine"** - A.C. 28 ta' Frar 1997)*

> *"Illi dan huwa wkoll konformi mal-principju contra scriptum non est argumentum, li jibqa japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa min xi element kostitutiv taghha, prova li ovvjament f'din l-kawzi ma ingabhitx, u lanqas hija biss allegata."*

Illi ghalkemm l-konvenut ta' x'jifhem li dan kollu kienet simulazzjoni, ma ngiebet ebda prova li turi li fil-fatt dan il-ftehim iwassal ghal xi skop iehor u ghalhekk ma tistax din il-Qorti tara li hemm xi raguni valida ghal dak li inghad.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-klabb konvenut Żejtun Corinthians Football Club u tilqa' t-talba tal-attur Vincent Cumbo, u b'dan tikkundanna lill-klabb konvenut Żejtun Corinthians Football Club iħallas lill-attur Vincent Cumbo s-somma ta' ħamest elef u mitejn ewro (€5,200) inkluż l-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża u tal-mandat ta' sekwestru kontra l-klabb konvenut.

**Dr Caroline Farrugia Frendo**

**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**

**Deputat Reġistratur**